

**Brussell, 15 ta' Novembru 2021  
(OR. en)**

**13244/21**

**CONOP 69  
COARM 213  
CODUN 48  
CFSP/PESC 1006**

### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sitt Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjonijiet jew ir-Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' Ċerti Armi Konvenzjonali (CCW)

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sitt Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjonijiet jew ir-Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' Ċerti Armi Konvenzjonali (CCW), kif approvati mill-Kunsill fit-3826 laqgħa li saret fil-15 ta' Novembru 2021.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-SITT KONFERENZA TA'  
REVIŻJONI TAL-KONVENZJONI DWAR IL-PROJBIZZJONIJIET JEW IR-  
RESTRIZZJONIJIET FUQ L-UŻU TA' ĊERTI ARMI KONVENZJONALI LI  
JISTGĦU JITQIESU LI HUMA TA' ĦSARA EĊĊESSIVA JEW LI GĦANDHOM  
EFFETTI INDISKRIMINATI (CCW)**

**(ĠINEVRA, 13-17 TA' DIĊEMBRU 2021)**

1. L-Unjoni Ewropea tilqa' s-Sitt Konferenza ta' Reviżjoni li jmiss tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjonijiet jew ir-Restrizzjonijiet fuq l-Użu ta' Ċerti Armi Konvenzjonali Li Jistgħu Jitqiesu li huma ta' Ħsara Eċċessiva jew li Għandhom Effetti Indiskriminati (CCW) li ser issir f'Ġinevra mit-13 sas-17 ta' Diċembru 2021.
2. Is-Sitt Konferenza ta' Reviżjoni tirrappreżenta opportunità biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tagħha. Huwa ta' importanza partikolari li l-Konvenzjoni tibqa' responsiva għal żviluppi ġodda. L-UE tfakkar li għandna nagħmlu kull sforz biex nippreservaw il-kontinwità operazzjonali u l-futur tal-Konvenzjoni peress li hija strument ewlieni tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali (IHL).
3. L-UE tissottolinja li s-CCW hija forum internazzjonali uniku li jiġbor għarfien legali, diplomatiku u militari. Fid-dawl tal-isfidi partikolari ta' armi meqjusa li huma ta' ħsara eċċessiva jew li għandhom effetti indiskriminati, dan l-għarfien espert preċedentement wassal għall-adozzjoni ta' restrizzjonijiet dwar l-użu ta' armi speċifiċi, bħal fuq armi inċendjarji, kif kodifikati fil-Protokoll III, kif ukoll għal projbizzjonijiet dwar l-użu ta' armi speċifiċi, kif rifless fil-Protokoll IV dwar armi laser li jagħmew. Il-Konvenzjoni toffri, fost l-oħrajn, mod flessibbli biex jirreaġixxi għal żviluppi ġodda f'teknoloġiji tal-armi u li jappoġġa l-implimentazzjoni ta' parti essenzjali tal-IHL li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tbatija kemm tal-popolazzjoni ċivili u tal-ġellieda.

4. L-UE tfakkar li s-CCW u l-Protokolli tagħha huma parti essenzjali u integrali tal-IHL u ttenni l-impenn tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha li jirrispettaw u jikkonformaw bis-sħiħ mal-IHL, kif ukoll il-kontinwazzjoni tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni tal-konformità mal-IHL.
5. L-UE tenfasizza l-importanza tal-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha, li tibqa' prijorità ewlenija għall-UE. L-UE tappoġġa l-isforzi kollha biex tiġi promossa l-universalità tal-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha, u ninkoraġġixxu bis-sħiħ lill-pajjiżi kollha li għadhom ma għamlux dan biex jingħaqdu magħhom malajr kemm jista' jkun. L-UE tissottolinja l-importanza ta' trasparenza u l-bini tal-fiduċja fl-implimentazzjoni tas-CCW u l-Protokolli tagħha u tteġġeg il-Partijiet Kontraenti Għolja biex ilestu rapporti dettaljati fuq bażi regolari.
6. L-UE tilqa' l-ħidma ta' matul dawn l-aħħar snin mill-Grupp ta' Esperti Governattivi (GEG) dwar it-Teknoloġiji Emerġenti fil-Qasam tas-Sistemi ta' Armi Awtonomi Letali (LAWS) u tirrikonoxxi l-kontribut sostanzjali li għamlet għall-fehim tagħna ta' dan is-suġġett kumpless u biex tinstab bażi komuni. L-UE tenfasizza li huwa importanti li l-GEG jkompli bl-isforzi tiegħu, inkluż fit-tmexxija għas-Sitt Konferenza ta' Reviżjoni tas-CCW, abbażi ta' mandat b'saħħtu, biex ikun jista' jsir progress. L-UE tissottolinja li s-CCW hija l-forum internazzjonali rilevanti f'dan ir-rigward u li aħna nistennew li dan jagħti riżultati. L-UE tibqa' impenjata li tkompli bl-isforzi tagħha fil-GEG bil-ħsieb li tiżgura li l-eżitu jirrifletti l-ħtieġa ta' konformità mad-Dritt Internazzjonali, b'mod partikolari d-Dritt Umanitarju Internazzjonali, b'kont meħud tal-konsiderazzjonijiet etiċi rilevanti. L-UE tenfasizza li l-bnedmin għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet fir-rigward tal-użu tal-forza letali, jeżerċitaw kontroll fuq is-sistema tal-armi letali li jużaw u jibqgħu responsabbli għal deċiżjonijiet dwar l-użu tal-forza sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-Dritt Internazzjonali, b'mod partikolari d-Dritt Umanitarju Internazzjonali.

7. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ biex tnaqqas it-tbatija u l-ħsara kkawżata mill-minjieri, il-bombi artiġjanali u apparat ieħor. Il-Protokoll II emendat jirrappreżenta strument importanti tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali (IHL) u nistiednu lill-Istati kollha li għadhom ma għamlux dan biex jissieħbu f'dan il-Protokoll.
  
8. L-UE hija mħassba ħafna dwar l-impatt qawwi kontinwu globali tal-attakki ta' Apparati Esplożivi Improvviżati (IED) u l-użu indiskriminat tagħhom u l-effetti, b'mod partikolari fit-twettiq ta' atti terroristiċi. L-użu ta' apparat esplożiv improvviżat kontra l-popolazzjonijiet u l-infrastruttura ċivili, inkluż sistemi tal-kura tas-saħħa, jipproduċi ħsara umanitarja allarmanti, speċjalment f'ambjenti urbani, u jeħtieġ rispons urġenti. Huma meħtieġa sforzi biex jissaħħu l-prevenzjoni, it-tnejn u r-rispons biex tiġi indirizzata t-theddida globali. L-iskambju sistematiku ta' informazzjoni dwar inċidenti li jinvolvu l-IEDs huwa meħtieġ biex jiġu żviluppati miżuri difensivi xierqa. L-aċċess għal materjal prekursor għandu jkun ristrett permezz tar-rimi f'waqtu ta' fdalijiet esplożivi tal-gwerra, f'konformità mal-obbligu skont il-Protokoll V, u permezz tal-ġestjoni sikura tal-ħażniet tal-munizzjon. Ir-rotot tat-traffikar ta' materjal prekursor esplożiv għandhom jiġu identifikati u indirizzati. Id-dekontaminazzjoni jeħtieġ li ssir flimkien mal-isforzi f'konvenzjonijiet oħra dwar id-diżarm, bħall-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Mini Kontra l-Persunal, li fiha obbligu għall-Istati Partijiet li jneħħu kull tip ta' mini kontra l-persunal, inkluż mini kontra l-persunal ta' natura improvviżata.

9. L-UE tikkundanna bil-qawwa kull użu ta' mini kontra l-persunal, inkluż ta' natura improvviżata, li jikser in-norma kontra l-mini kontra l-persunal. L-użu ta' mini kontra l-persunal fi kwalunkwe post, f'kull ħin, u minn kwalunkwe attur mhuwiex aċċettabbli għall-Unjoni Ewropea. Aħna nappellaw lill-atturi kollha biex iżommu lura mill-produzzjoni, l-akkwist, il-ħażna, il-kummerċ, iż-żamma jew it-trasferiment ta' mini kontra l-persunal u biex iwaqqfu l-użu ta' mini kontra l-persunal, kemm jekk manifatturati b'mod industrijali, jew improvviżati, madwar id-dinja. Il-piż imqiegħed minn mini kontra l-persunal u fdalijiet esplożivi tal-gwerra fuq l-individwi, il-familji, il-komunitajiet, ir-reġjuni u l-Istati għadu eċċessivament għoli. Bħala fornitur ewlieni ta' kooperazzjoni u assistenza għal azzjoni kontra l-mini, l-UE qed tappoġġa lill-Istati Partijiet affettwati mill-mini fl-isforzi tagħhom biex iwettqu l-impenji tagħhom skont il-Konvenzjoni. Mill-2018, l-UE kkontribwiet EUR 280 miljun għal attivitajiet ta' azzjoni kontra l-mini. Barra minn hekk, l-Istati Membri tal-UE huma fost id-donaturi prinċipali għall-azzjoni kontra l-mini madwar id-dinja. Hemm ħtieġa ċara għal kooperazzjoni, assistenza u mobilizzazzjoni msaħħa tar-riżorsi lejn dinja ħielsa mill-mini. In-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji huwa sfida importanti u l-UE tappella lill-atturi kollha, pubbliċi jew privati, biex b'mod kollettiv jesploraw għażliet għal sorsi ġodda u alternattivi ta' finanzjament.
10. Dwar il-Mini li Mhumiex Mini Anti-Persunal (MOTAPM), l-UE tenfasizza l-impatt umanitarju u l-konsegwenzi gravi fuq l-iżvilupp soċjali u ekonomiku kkawżat mill-użu tagħhom li huwa indiskriminat u sproporzjonat. Filwaqt li jirrikonoxxu li l-MOTAPM huma armi leġittimi, il-Partijiet huma obbligati jiżguraw li dawn jintużaw skont id-Dritt Umanitarja Internazzjonali (IHL), inkluż billi jieħdu l-prekawzjonijiet fattibbli kollha, biex jiproteġu lill-persuni ċivili mill-effetti ta' dawn l-armi. L-UE temmen li jkun xieraq li l-Istati Partijiet jiddiskutu aktar kif jiżguraw il-konformità mal-Protokoll II Emendat, anke fir-rigward tal-MOTAPM. Il-kwistjoni tal-MOTAPM għandha għalhekk tibqa' fuq l-aġenda tas-CCW għal aktar diskussjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-Partijiet Kontraenti Għolja jkun jistgħu jkomplu jikkunsidraw il-kwistjoni b'mod kostruttiv u trasparenti.

11. Is-Sitt Konferenza ta' Reviżjoni tirrappreżenta wkoll opportunità biex tiġi żgurata r-robustezza finanzjarja u organizzattiva tal-Konvenzjoni, li tippermetti sforz ta' implimentazzjoni solidu u permanenti. B'mod partikolari, l-UE tirrikonoxxi li l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet annwali mill-Partijiet Kontraenti Għolja, b'mod sħiħ u fil-ħin, jibqa' essenzjali biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-Konvenzjoni u l-Protokollu tagħha, kif ukoll il-ħidma tal-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni. L-UE tappella lill-partijiet kontraenti Għolja kollha biex jissodisfaw l-obbligi finanzjarji tagħhom fil-ħin u tappella lill-Istati Partijiet kollha biex iħallsu l-kontribuzzjonijiet obligatorji tagħhom fil-ħin u b'mod sħiħ.
12. L-UE tesprimi l-appoġġ tagħha għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni tas-CCW u l-Protokollu tagħha, u b'mod partikolari l-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni, u tinkoraġġixxi lin-NU biex tiżgura implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward, l-UE għandha l-pjaċir tħabbar l-appoġġ finanzjarju tal-UE ta' 1.6 miljun Euro fuq sentejn (Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1694 tal-21 ta' Settembru 2021) għat-tisħiħ tas-CCW. Din id-deċiżjoni tikkostitwixxi sinjal politiku ċar mill-UE dwar il-prominenza li l-Unjoni tattribwixxi lill-multilateraliżmu u lil ordni dinji bbażat fuq ir-regoli, kif ukoll lill-importanza li l-Unjoni tagħti lil implimentazzjoni soda u l-universalizzazzjoni tas-CCW.